MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. GRAZIO MERCIECA

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 28/2003

**John u Doris konjugi Farrugia u Emanuel John Farrugia**

**vs**

**Joseph Mary Muscat**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

“Peress illi fil-11 ta’ Jannar 2003, l-attur Emanuel John Farrugia kien qieghed isuq vettura tat-tip Peugeot 205 (numru ta’ registrazzjoni: IAV 156) li hi proprjeta’ tal-atturi ohra John u Doris Farrugia u kien qieghed jipprocedu bi speed moderat u bid-diligenza kollha minnu rikjesta mil-ligi matul Independence Street, Qala, Ghawdex.

Peress illi l-konvenut li kien isuq vettura tat-tip Suzuki Super Carry (numru ta’ registrazzjoni EBB 241) F’Victory Street, Qala, Ghawdex u meta wasal fl-inkrocju hareg

minn fuq stop sign minghajr ma esplora t-triq principali u cioe' Independence Street bir-rizultat li investa l-vettura IAV 156 u kkagonalha hsarat estensivei fiha, tant li s-surveyor iddikjara li hi total loss.

Peress illi ghall-istess incident awtomobilistiku hawn fuq imsemmi huwa responsabbli unikament l-istess konvenut.

Jghid l-istess konvenut ghaliex huwa m'ghandux (1) jigi dikjarat unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku hawn fuq imsemmi (2) tikkundannah ihallas lill-attur is-somma ta' seba' mija u sitta u tmenin lira (Lm 786) valur tal-vettura Peugeot 205 (numru ta' registrazzjoni: IAV 156) li giet dikjarata bhala total loss.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra bonarja tal-20 ta' Frar 2003 u bl-ingunzjoni tal-istess konvenut ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huwa mharrek. Bl-imghaxijiet skond il-ligi."

Ra r-risposta:

"Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenuti:

Jeccepixxu bil-qima:-

1. Illi t-talbiet attrici huma infundati fid-dritt u fil-fatt u dan stante illi l-imsemmi incident sehh unikament tort tas-sewqan eccessiv, nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku, sewqan b'mod traskurat u nuqqas ta' zamma ta' *proper lookout* da parti ta' l-atturi;

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Bl-ispejjes.

Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa intom atturi minn issa intom imsejjhin."

Sema'x-xhieda u ra d-dokumenti esibiti

Ikkunsidra:

Mhux ikkontestat li l-konvenut hareg minn side-street fejn kien hemm stop-sign ghal got-triq li minnha kien ghaddej l-attur. Pero’ filwaqt li skond il-konvenut huwa waqaf biex jesplora t-triq qabel hareg, l-attur isostni li l-konvenut baqa’hiereg mit-triq li fiha kien hemm l-istop sign. Il-konvenut jghid li meta waqaf, lemah lill-attur fejn kien hemm arblu, cioe’distanza li s-surgent PS1233 John Attard jghid li hija boghod ta’ 30 metru, ikkalkula li seta’johrog, u hekk ghamel izda gie nvestit mill-attur. Min-naha tieghu l-attur jghid li lemah lill-konvenut l-ewwel darba hekk kif kien biswit il-kantuniera. Hemm ukoll nuqqas ta’ qbil fuq dak li fl-iskizz huma deskritti bhala tyre marks li halla warajh l-attur, li huma cari hlief ghal nofs metru fejn sehhet il-habta li huma skuri. Filghodu kienet ghamlet ix-xita. L-attur jghid li dawn m’humiex brake-marks imma sempliciment marki li hallew it-tyres fuq it-triq waqt li kien qieghed isuq il-karozza tieghu. Dan hu konsistenti mal-asserzjoni tieghu li huwa bbrejkja biss biswit il-kantuniera ghax sa dak il-punt ma kienx lemah lill-konvenut. Fl-ahharnett mhux kontestat li l-konvenut hareg mhux minn fuq sajdu, fejn kien hemm l-istop sign, imma min-naha l-ohra tat-triq.

Ma jirrizultax lit-Tribunal li l-konvenut fil-fatt waqaf sabiex jesplora t-triq qabel qasam, u l-anqas jirrizultalu li t-tyre-marks huma fil-fatt brake-marks. Ir-res gestae anzi juru li l-konvenut baqa’ hiereg bi vjolazzjoni tal-istop sign u di piu’ min-naha l-ohra tat-triq u dan kompla iktar jissorprendi lill-attur li lemhu biss meta kien prattikament fil-junction. Qatt ma jista’ jigi enfasizzat iz-zejjed li meta jkun hemm stop-sign, is-sewwieq irid <u>jieqaf:</u> kien jinghad lakonikament imma appozitament fil-Highway Code l-antik, li kien bl-Ingliz, *stop at stop-signs.* Li stop signs qeghdin hemm biex jigu mharsa u la jkunu hemm ma jkunux gew impittra b’xi kapricc imma jkunu saru ghax li wiehed jibqa’ ghaddej ikun minnu nnifsu jikkostitwixxi periklu kbir ghat-traffiku li jkun ghaddej mit-triq principali ossia t-triq perpendikulari ghal dik ta’ fejn ikun hemm l-istop sign.

Il-provi prodotti m'humiex fihom infushom konklusivi ta'xi velocita' esagerata li kienet timpedixxi lill-attur li jitlef il-kontroll jew li ma jirreagixxix tempestivament anke jekk mhux b'success jekk jiehu evasive action. Kif gie gustament ritenut fil-gurisprudenza, fost l-ohrajn in re **Anna Stanley vs Alan Zahra (23.03.1993 – Prim'Awla ippreseduta mill-Imhallef (iktar tard Prim Imhallef) Said Pullicino Kollezz Vol LXXVII.iii.93)** *il-velocita' eccessiva fiha nnifisha ma tistax titqies a priori bhala fattur determinanti ghar-responsabilita' ghall-incident jew kontributorju ghalih. Irid jigi sodisfacentement stabbilit illi l-velocita' eccessiva kienet element determinanti li pprovoka l-incident u li jista' jitqies bhala l-kawza prossima tal-akkadut.* Bhala fatt l-anqas jirrizulta li l-attur kien ghaddej bi speed eccessiv billi jekk it-tyre-marks huma tabilhaqq brake-marks dawn huma konsistenti ma' velocita' ta' mhux iktar minn 50 km fis-siegha li huwa l-limitu ta' velocita' konsentita ghal karozza f'inhawi mibnija.

Imma anke kieku kellha titwemmen il-verzjoni tal-fatti moghtija mill-konvenut jibqa' l-fatt li ex admissis seta' jara u fil-fatt jghid li ra lill-vettura tal-attur minn distanza konsiderevoli ta' 30 metru. Ghalhekk kellu vizwali tajba. Kien hemm ukoll l-istreet lights. Ghalhekk il-konvenut seta' jiggudika l-velocita' tal-vettura tal-attur u d-distanza li fiha kienet. Il-konvenut jista' biss jinkolpa ruhu jekk kif qal hu stess ma kkalkulax tajjeb il-velocita' li jghid li kienet ghaddejja biha. Jekk tabilhaqq il-konvenut waqaf sabiex jesplora t-triq – verzjoni, li, jigi ripetut, it-Tribunal ma jemminx – allura kien dan il-gudizzju zbaljat li pprovoka l-incident u mhux il-velocita' eccessiva tad-driver l-iehor.

A skans ta'ripetizzjoni, it-Tribunal jaghmel riferenza ghas-sentenza tieghu stess, kif ippresedut, fl-ismijiet **Anthony Cauchi vs Saviour Camilleri et (Avviz Nru 3/3002) deciza fil-5 t'April 2002** fejn hemm ricenzjoni estensiva tad-dottrina u l-gurisprudenza in materja ta' kollizjonijiet f'cirkostanzi simili.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jilqa' l-ewwel talba tal-attur u

jsib lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku msemmi fl-avviz tat-talba, kif ukoll jilqa't-tieni talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta'LM786 bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra bonarja tal-20 ta' Frar 2003.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------